MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2012

Numru. 1094/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**KONTRA**

**KEVIN NAPPA ta’ 35 sena, iben Joseph u Elizabeth nee’ Santello, imwieled Tal-Pieta’ nhar l-10 ta’ Dicembru, 1976, residenti fil-fond numru 28, Casa Calistoga, Triq l-Gharghar 1979, Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 23677M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Kevin Nappa** li gie akkuzat talli:

1. Nhar is-16 ta’ Novembru, 2005, ghall-habta ta’ 19.10hrs, gewwa l-fabbrika Denim Services Ltd, tal-

Qasam Industrijali ta’ Bulebel, fejn kien impjegat, volontarjament hassar jew ghamel hsara hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara fuq magna li tinsab fl-istess fabbrika, billi kisser il-monitor jew screen tal-istess magna, liema hsara tiskorri l-elf lira Maltin, ghad-dannu tal-kumpanija Denim Services Ltd, bi ksur tal-Artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu. Wiegeb l-istess meta l-Avukat Generali baghat l-Artikoli li fil-fehma tieghu l-imptuat kien hati taghhom, u cioe’ l-Artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-ligiiet ta’ Malta.

Rat ukoll li moqri l-istess Artikolu, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghall-proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonjiet.

Ikkonsidrat:

Illi xehed l-Ispettur Joseph Agius li kien kellmu certu Cassar Galea Adriano fil-kapacita’ tieghu ta’ manager ta’ Denim Services, li kien sab monitor ta’ magna minnhom imkisser, magna li fuqha kellha camera, bil-konsegwenza li skondtu deher Kevin Nappa iserrah fuq din il-magna, imbaghad jghatti l-monitor ta’ l-istess b’carruta.

PS 1386 Anthony Agius xehed dwar il-fatt li hu kien acceda fil-fond de quo, u hemm kien hemm washing machine li din kellha il-computer taghha miksur.

Pero x-xhieda saljenti migbura kienet ta’ certu Adrian Cassar Galea li xehed illi peress li l-fond kien mghammar bi closed circuit, ghalhekk stabbilixxa l-hin li xi hadd kien hadem fuq din il-magna miksura, stabilixxa li hemm kien hemm Kevin Nappa, cioe’ l-imputat. Qal li meta vverifika l-filming mall-pulizija, huwa ra lil Nappa jghatti l-monitor

b’bicca drapp tal-jeans. Ikkalkula li dan il-monitor miksur kien jiswa circa Lm1,500.00. Spjega li dan kien monitor ta’ magna industrijali, cioe’ l-monitor kien parti minn lap top imdahhal fil-magna, li hu ddeskriva bhala l-mohh tal-magna. Esebixxa r-ritatti li gew skondtu estratti mill-filming tac-CCTV, cioe’ dokumenti CG1 u CG2 minn folio 9 sa folio 24. Interpreta dawn l-images bhala bniedem jigri wara l-magna, li qed jiknes, ihares lejn il-hsara li ghamel u mbaghad jghatti l-monitor. Xehed ukoll li skondtu l-imputat dan ghamlu ghaliex kellhom kwistjoni bejniethom ghax il-kumpanija kienet qieghda tnaqqas l-impjegati. Zied illi fil-fatt ta’ din il-hsara kien inizzjalment anke zammlu xi hlas ta’ flus dovuti lill-imputat. Dwar il-fatt li l-monitor miksur kien touch screen, allura seta’ hekk jinkiser waqt operat normali, innega dan, qal li dan kien maghmul minn materjal ohxon.

Din il-Qorti fuq tali xhieda ghaliha principali ta’ Cassar Galea, hatret lil Martin Bajada biex jannalizza c-CDs imsemmija esebiti. Ghalhekk l-espert tekniku esebixxa r-relazzjoni tieghu Dok MB. Xehed li kif gie mitlub hu kien hareg stills ta’ l-allegat incident, pero nforma lill-Qorti li t-tlett CDs esebiti kienu t-tlieta kollha barra il-hin ta’ l-incident. Zied illi ghalhekk dawk l-istills li kienu gia’ gew esebiti fil-process kienu juru certu hin, mentri dak il-hin ma kienx kopert fid-DVDs minnu ezaminati.

L-Ispettur Agius, bhal PS 1386 Agius, it-tnejn insistew mal-Qorti li huma kienu flimkien ma’ Csassar Galea, raw is-CCTV u hemm kienu raw lill-imputat jaghti daqqa fuq l-apparat u wara anke jghattieh b’carruta. Ovvjament li kien Nappa gie hekk identifikat lilhom minn Cassar Galea, pero gharfuh l-istess fl-Awla.

Ikkonsidrat:

Illi frankament din il-Qorti tqies li l-provi prodotti mill-Prosekuzjoni huma ghal kollox fjakki. Fil-fatt hemm pretensjoni li din il-Qorti tistrieh fuq evidenza li qatt ma waslet ghandha, u allura ghand l-espert taghha, u cioe’ dak il-filmat li raw Cassar Galea u l-Ispettur, fejn skondthom jidher l-incident in dezamina. Ghaliex gie

moghti liha filmat li juri hinijiet ohra kif ikkonkluda Dr. Martin Bajada jibqa' misteru ghal din il-Qorti. Ghaldaqstant din il-Qorti, tenut il-provi prodotti qieghda tillibera lill-imputat mill-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------